MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 512/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Bernard C.Spiteri)**

**Kontra**

**Vincent Borg.**

Il-Qorti

1. Rat l-akkuża dedotta kontra Vincent Borg (ID 180655(M)) ta’ 55 sena iben Paul u Mary nee Sciberras imwieled Birkirkara fit-23 ta’ Frar 1955 u residenti 40, Flat 4 Triq Ħal-Dgħejf Naxxar quddiem il-Qorti ta’ Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli fit-2 ta’ Mejju 2010 kif ukoll fix-xhur ta’ qabel żamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħuj jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi mingħjar liċenzja (Kap 480  artikolu 5(1)).

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Novembru 2010 li biha Vincent Borg instab ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u wara li rat l-artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta ikkundannat lil Vincent Borg iħallas multa ta' €25.

3. Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali intavolat fl-1 ta' Diċembru 2010.li bih huwa talba riforma tas-sentenza msemmija billi waqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet ħtija kontra l-imputat, tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn applikat il-piena.

4. L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-piena minima li kellha tkun inflitta kienet dik ta' €698.81 u dan skont l-artikolu 51(2) tal-Kap 480 kif magħqud mal-artikolu 5(1) tal-Kap 480.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur fl-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2011.

6. Il-Qorti fliet l-atti kollha li minnhom jirriżulta li l-imputat kien ammetta l-imputazzjoni kontrih. Barra dan eżaminat l-artikolu 5(1) u l-proviso tal-artikolu 51(2) tal-Kap 480. Minn dawn l-artikoli jirriżulta ċar li l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun dik ta' €698.81 – li hija l-multa minima.

7. Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tirriforma s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet premessi kif ġej: (a) Tikkonfermha fejn sabet lil Vincent Borg ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih; u (b) tħassar u timmodifika dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti nfliġġiet piena ta'€25 u minflok qed tikkundanna lil Vincent Borg iħallas multa ta' €698.81. Il-multa tista' titħallas b'pagamenti ta' €70 fix-xahar bl-ewwel pagament jitħallas mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jiem ta' priġunerija skont kif tiddisponi l-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------